

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tat-22 ta' Mejju 2008 —
Radio Regenbogen Hörfunk in Baden vs UASI (RadioCom)**

(Kawża T-254/06)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali RadioCom — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(ċ)) (ara l-punti 40, 45, 48, 51, 54)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Lulju 2006 (Każ R 1266/2005-1) dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali RadioCom bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Radio Regenbogen Hörfunk in Baden Geschäftsführungs-GmbH
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali RadioCom għal servizzi fil-klassijiet 35, 38 u 41 — Applikazzjoni Nru 3986023
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Radio Regenbogen Hörfunk in Baden Geschäftsführungs-GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) tat-2 ta' Ġunju 2008 — WWF-UK vs Il-Kunsill

(Kawża T-91/07)

“Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 41/2007 — Irkuprar tal-istokkijiet tal-merluzz — Stabbiliment tat-TAC għas-sena 2007 — Att ta' applikazzjoni ġenerali — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibilità”

1. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Regolament li jistabbilixxi għas-sena 2007 l-qabdiet totali permissibbli għas-sajd tal-merluzz fiż-żoni koperti mir-Regolament li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar tal-istokkijiet ta' merluzz (Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 423/2004 u Nru 41/2007) (ara l-punti 64-79)*
2. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Regolament li jistabbilixxi għas-sena 2007 l-qabdiet totali permissibbli għas-sajd tal-merluzz fiż-żoni koperti mir-Regolament li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar tal-istokkijiet ta' merluzz (Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1367/2006; Regolamenti tal-Kunsill Nru 423/2004 u Nru 41/2007; Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370) (ara l-punti 81, 82)*